



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2022
(OR. en)

12787/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0249 (NLE)

PECHE 352

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218 (7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius¹ (il-"Ftehim") ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE² u daħal fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2014.
- (2) F'konformità mat-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/...³⁺, il-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026) (il-"Protokoll") ġie ffirmat fi...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data aktar tard.
- (3) L-oġettiv tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni u lil Mauritius jikkollaboraw aktar mill-qrib biex jippromwovu l-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ekonomija tal-oċeani, tal-akkwakultura, tal-iżvilupp sostenibbli tal-oċeani, tal-ippjanar spazjali marittimu, tal-enerġija marittima u tal-ambjent marittimu, tal-iżvilupp ta' politika marittima u tal-ekonomija blu, filwaqt li jikkontribwixxi biex il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tas-sajd ikunu diċenti.
- (4) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat.

¹ ĠU L 79, 18.3.2014, p. 3.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE tat-28 ta' Jannar 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 2).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... ta' ... 2022 dwar l-iffirmar fisem l-Unjoni u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026) (ĠU L ..., ..., p. ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-deċiżjoni fi ST 12752/22 u kkompleta n-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll fi ST 12785/22.

- (5) L-Artikolu 9 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt li jkun responsabbli mill-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Ftehim. Barra minn hekk, skont il-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti emendi għall-Protokoll. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-emendi proposti għall-Protokoll jenħtieġ li tiġi stabbilita mill-Kunsill. L-emendi proposti jenħtieġ li jiġu approvatidment li Stati Membri li jikkostitwixxu minoranza li timblokka f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma joġġezzjonawx għalihom.
- (5) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u ta opinjoni fl-24 ta' Ottubru 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 1

Il-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.¹⁺

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 19 tal-Protokoll, biex jesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Protokoll.

Artikolu 3

Soġġett għad-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi għall-Protokoll adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 9 tal-Ftehim.

¹ It-test tal-Protokoll huwa ppubblikat fi ...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna bir-referenza għall-pubblikazzjoni tal-Protokoll fi ST 1278/22.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

PROĊEDURA GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDI GĦALL-PROTOKOLL LI JRIDU JIĠU ADOTTATI MILL-KUMITAT KONĠUNT

Meta l-Kumitat Konġunt jintalab jadotta xi emendi għall-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (il-"Protokoll") f'konformità mal-Artikolu 11(3) jew l-Artikolu 12(1), (2), (3) jew (4) tal-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni, skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni f'isem l-Unjoni:
 - (a) tkun konformi mal-objettivi tal-politika komuni tas-sajd;
 - (b) tkun konsistenti mar-regoli rilevanti adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u tkun tqis il-ġestjoni konġunta minn Stati kostali;
 - (c) tkun tqis l-informazzjoni statistika, bijoloġika u informazzjoni oħra rilevanti l-aktar riċenti li tkun intbagħtet lill-Kummissjoni.
2. Qabel ma tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tissottomettihom lill-Kunsill fil-ħin sew qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt.

3. Il-Kunsill għandu jivvaluta jekk l-emendi proposti jikkonformawx mal-kriterji stipulati fil-punt 1.
4. Dment li ma joġġezzjonawx għadd ta' Stati Membri fil-Kunsill li jkunu ekwivalenti għal minoranza li timblokka f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tapprovahom f'isem l-Unjoni. Jekk ikun hemm din il-minoranza li timblokka, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-emendi proposti f'isem l-Unjoni.
5. Jekk, waqt laqgħat sussegwenti tal-Komitat Konġunt, ikun impossibbli li jintlaħaq qbil, anki dak il-ħin stess, il-kwistjoni għandha tintbagħat lura lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stipulata fil-punti 2, 3 u 4, biex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis fatturi ġodda.
6. Il-Kummissjoni hija mistiedna li, fiż-żmien xieraq, tiegħu kull pass neċessarju bħala segwitu għad-deċiżjoni tal-Komitat Konġunt, inkluż, fejn jixraq, billi tippubblika d-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u tippreżenta kull proposta neċessarja għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

Rigward kwistjonijiet oħrajn li ma jikkonċernawx emendi għall-Protokoll f'konformità mal-Artikolu 11(3) jew l-Artikolu 12(1), (2), (3) jew (4) tiegħu, il-pożizzjoni li trid tiġi adottata mill-Unjoni fil-Komitat Konġunt għandha tiġi ddeterminata f'konformità mat-Trattati u mal-prattiki ta' ħidma stabbiliti.